Vincent Zammit

# IL-BAJJA TA' SAN PAWL IL-BAĦAR
## 1798 - 1800

Ma jistax ikun li f'dawn is-sentejn wieħed ma jiktibx dwar dawk l-avvenimenti hekk importanti li seħħew mitejn sena ilu. Kienu avvenimenti li kellhom ibiddlu l-istorja tal-gżejjer Maltin, u għaldaqstant naħseb li huwa tajjeb li nfakkru x'kien seħħ f'dak iż-żmien. Bil-kitba tiegħi rrid nipprova nuri wkoll li għalkemm l-aktar avvenimenti mportanti seħħew madwar il-Port il-Kbir u l-Port ta' Marsamxett, fil-verità l-inħawi tal-bajja ta' San Pawl il-Baħar kienu mportanti wkoll fl-avvenimenti li seħħew f'dak iż-żmien.

## Il-Bajja fl-1798

L-istorja tagħna tibda bis-sena 1798, meta fuq it-tron ta' l-Ordni ta' San Ġwann kien hemm il-Ġermaniż Ferdinand von Hompesch. Dan il-Gran Mastru kien ilu f'dik il-kariga sa mis-sena ta' qabel. Iż-żminijiet kienu nbidlu, mhux biss rigward is-sitwazzjoni nterna ta' l-Ordni ta' San Ġwann, iżda anke minħabba t-tibdil li kien qiegħed iseħħ fl-Ewropa. Wara r-Rivoluzzjoni Franċiża wieħed kien qiegħed jistenna tibdil kemm fit-tip ta' l-amministrazzjoni kif ukoll fil-mentalità tal-politika.

Bħala difiża tal-bajja kien hemm diversi fortifikazzjonijiet li kienu nbnew matul is-snin mill-amministraturi ta' l-Ordni ta' San Ġwann. Jekk wieħed jieħu in konsiderazzjoni l-bajja tal-Mistra bħala li tagħmel parti mill-Bajja ta' San Pawl il-Baħar, allura naraw li kien hemm numru mhux ħażin ta' fortifikazzjonijiet[1]. Kien hemm il-batterija tal-Mistra, biex tkun tista' tiddefendi dawk l-inħawi kollha[2]. Kien hemm il-batteriji fit-tmiem tal-bajja tax-Xemxija, li kienu nbnew fil-bidu tas-seklu tmintax[3]. It-torri ta' Wignacourt kien għadu jiddomina l-bajja ta' San Pawl il-Baħar, bħal ma kien ilu sa mis-sena 1610[4]. Lejn il-Ponta tal-Qawra kien hemm it-torri li għadu wieqaf sa llum, u miegħu kien hemm batterija mibnija quddiemu[5]. Eżattament qabel ma wieħed jasal għal dan it-torri u batterija nsibu trunċiera, li partijiet minnha għadhom jidhru sal-ġurnata ta' llum[6]. Naturalment, mhux li jkollok ħafna swar u fortifikazzjonijiet jgħodd, iżda li jkollok numru adekwat ta' suldati.

## L-Invażjoni ta' Malta

Fil-bidu ta' Ġunju ta' dik is-sena, il-flotta Franċiża dehret quddiem ix-xtut ta' Malta. L-Ordni ta' San Ġwann kien ilu f'Malta u kien minħabba f'hekk li kienu ħasbu ħalli jibnu sistema adekwata tas-swar u difiża. Iżda ma jkunx daqshekk faċli li tiddefendi dawk il-bajjiet kollha jekk ma jkunx hemm difiża soda, u tqassim sew. Minħabba f'hekk naraw li kull rokna kellha bniedem partikulari li jieħu ħsieb, barra li jkun hemm grupp ta' raħħala mill-inħawi li jkunu stazzjonati fil-postijiet.

Il-bajja ta' San Pawl il-Baħar kienet taħt il-kmand tal-kavallier De La Penouse. Kien hemm stazzjonati fl-inħawi diversi Maltin mill-irħula ta' madwar. Meta seħħ l-attakk

mill-Franċiżi, il-Maltin ippruvaw jiddefendu bl-aħjar mod possibli. Iżda l-Franċiżi kienu armati ferm aħjar, u barra minn hekk kien hemm ukoll kwantità akbar ta' suldati Franċiżi.

Il-qawwa Franċiża kienet taħt il-kmand tal-Ġeneral Baraguey d'Hilliers[7]. Minn informazzjoni li għadda dan il-Ġeneral lil Napuljun aktar tard, nafu li l-Maltin iddefendew tajjeb. Iżda kellhom iċedu minħabba l-ammont kbir ta' suldati Franċiżi[8]. Barra minn hekk nafu wkoll li l-Franċiżi ma tilfu l-ebda suldat minn tagħhom, filwaqt li min-naħa tal-Maltin kien hemm wieħed mejjet u żewġ kavallieri mejta. Il-kumplament spiċċaw biex inqabdu priġunieri[9].

Jidher li kien hemm madwar 150 persuna li waqgħu priġunieri tal-Franċiżi. Bħal ma kienu għamlu f'inħawi oħra madwar il-gżejjer Maltin, il-Franċiżi kienu ħallew il-Maltin imorru lura lejn darhom, filwaqt li nżammu l-kavallieri maqbuda bħala priġunieri. Minn dawn il-150 kien hemm tlieta minnhom kavallieri Franċiżi. Il-ħsieb li jħallu l-Maltin imorru lura lejn darhom kien ħalli dawn imorru jxandru kemm ġew trattati tajjeb min-naħa tal-Franċiżi, u b'hekk l-istess Maltin jibdew jieħdu impressjoni tajba tagħhom.

B'hekk jidher li l-ewwel avvenimenti li seħħew fl-inħawi tal-bajja ta' San Pawl il-Baħar kienu ġew fi tmiemhom malajr, u bl-anqas dannu possibli. Dan kien Ġunju 1798. Sa Settembru l-folja kellha tinqaleb ta' taħt fuq.

## Il-Qawmien tal-Maltin - Settembru 1798

Il-Maltin qamu kontra l-Franċiżi fit-2 ta' Settembru 1798. Mill-inħawi tar-Rabat l-istorja kompliet tinfirex lejn l-Imdina u malajr inxterdet madwar il-gżejjer Maltin kollha. Mhux hekk biss, iżda jidher ukoll li kien hemm diġà pjan imfassal. Dan qegħdin ngħiduh minħabba li kien hemm numru ta' persuni li mhux biss kienu lesti għal dak l-inkwiet, iżda dehru li kien hemm ħafna dettalji ppreparati. Minn dawn id-dettalji wieħed jinnota kif tlaħħqu l-kapijiet Maltin ukoll.

Wieħed mill-kapijiet kien Vincenzo Borg, magħruf bħala Brared. Dan kien il-kap tal-villaġġ ta' Birkirkara, u minħabba li dan ir-raħal kien wieħed mill-kbar, allura kienu ngħataw ir-responsabbiltà li jħarsu l-inħawi ta' San Pawl il-Baħar. Biex wieħed jinduna kemm il-Maltin kienu ppreparati minn qabel, naraw kif dawn malajr ħadu l-kontroll ta' l-aktar postijiet strateġiċi, u poġġew Maltin magħżulin apposta. Biex jiddefendi d-daħla għall-bajja ta' San Pawl il-Baħar, Vincenzo Borg poġġa lil dawk in-nies li kellhom idea ta' kif jisparaw. Dawn tpoġġew taħt il-kmand ta' Angelo Aquilina.

Dan il-pass jidher li mill-ewwel ta l-frott mixtieq. Jiem wara li kien beda l-irvell tal-Maltin, bastiment żgħir tal-Franċiżi kien telaq mill-Port ta' Marsamxett u tela' lejn l-inħawi tal-bajja ta' San Pawl il-Baħar. Minħabba li l-Franċiżi ma kenux jafu li l-Maltin mhux biss kienu ħadu l-kontroll ta' l-inħawi, iżda kienu poġġew kanun ukoll, dawn baqgħu deħlin lejn il-bajja. Iżda hekk kif resqu fil-viċin, il-Maltin malajr fethu n-nar fuqhom, u reġġgħuhom lura[10]. Minn dak il-ħin 'il quddiem il-bajja ta' San Pawl il-Baħar mhux biss spiċċat taħt il-kontroll tal-Maltin, iżda kienet ikkunsidrata bħala l-port uffiċjali ta' Maltin.

L-aktar żewġ ħidmiet importanti għall-Maltin rigward il-bajja ta' San Pawl il-Baħar kien il-fatt li minn hawn mhux biss żammew kuntatt ma' Sqallija, iżda kienu jirċievu l-materjal li kien jintbagħat ħalli jgħin lill-Maltin fit-taqtigħa li kellhom kontra l-Franċiżi. Fit-8 ta' Ottubru 1798, waslu numru ta' xprunari Maltin li kienu mimlija qamħ. Dawk kienu jinstabu fil-port ta' Sirakuża, u bil-ħidma ta' Ġużeppi Dalmas, mhux biss il-bastimenti

tħallew jitilqu minn Sqallija, iżda ngħataw iċ-ċans li jixtru l-proviżjon tant mixtieq mill-Maltin[11]. Jilqa' lill-Maltin kien hemm il-Kanonku Franġisku Saverju Caruana[12].

## Konklużjoni

Għal dan l-appuntament nieqfu hawn. Is-sena d-dieħla nkomplu nagħtu ħarsa lejn l-avvenimenti li seħħew fl-inħawi matul dawk is-sentejn ta' taqlib. Naraw mhux biss l-avvenimenti, iżda nitkellmu wkoll dwar il-persunaġġi li għenu ħalli l-gżejjer Maltin jispiċċaw f'idejn l-Ingliżi u mhux jerġgħu jispiċċaw f'idejn il-Kavallieri ta' l-Ordni ta' San Ġwann.

### Riferenzi

1. Biex wieħed ikollu l-istorja kollha ta' l-iżvilupp tal-fortifikazzjonijiet f'dawn l-inħawi tistgħu taraw il-pubblikazzjoni li għandha toħroġ aktar tard din is-sena, Vincent Zammit **Swar u Fortifikazzjonijiet tal-Gżejjer Maltin**, PIN.
2. Din inbniet fi żmien il-Gran Mastru Pinto (1741-1773).
3. Kien ingħata bidu għall-bini tagħhom bejn is-snin 1715 u 1716, meta f'Malta kien hawn grupp ta' inġiniera militari Franċiżi.
4. Ara l-artiklu ta' Vincent Zammit "Irkejjen Storiċi: Torri San Pawl il-Baħar", **il-Mument** 25.8.1996.
5. It-torri nbena fi żmien il-Gran Mastru Lascaris, filwaqt li l-batterija nbniet fil-bidu tas-seklu tmintax bħal dawk tal-bajja tax-Xemxija.
6. Trunċiera kienet ħajt twil li tinbena f'parti mill-kosta fejn kien ikun hemm theddida sew minn fejn l-għadu seta' jagħmel xi nżul. Minn wara dan il-ħajt id-difensuri kienu jistgħu jisparaw fuq l-għadu, u jkollhom ilqugħ dejjem, fil-każ li jkollhom bżonn li jmorru minn naħa għal oħra.
7. Dan il-ġeneral Franċiż kien qiegħed jikkmanda t-truppi ta' Genova.
8. Huwa nteressanti li nkunu nafu li l-ammont ta' suldati Franċiżi li niżlu biex jattakkaw l-inħawi tal-Bajja ta' San Pawl il-Baħar kien ta' madwar 3000 suldat. Ammont ferm kbir għal dawk il-ftit Maltin li kien hemm biex jiddefendu l-inħawi.
   Carmel Testa, **The French in Malta 1798-1800**, Malta 1998, p. 52, n. 6.
9. Ibid., p. 50.
10. Huwa ċar li l-Maltin kienu jafu x'qegħdin jagħmlu meta kienu ħatfu l-bajja ta' San Pawl il-Baħar, kif ukoll dik ta' Marsaxlokk. B'hekk, huma setgħu joffru kenn għal dawk il-bastimenti li setgħu jintbagħtu biex jgħinu lill-Maltin. Fl-istess waqt ried li jkollhom post minn fejn setgħu jaħdmu biex ikomplu l-ftit kummerċ li seta' jsir.
11. Testa op. cit., p. 528.
12. Il-Kanonku Caruana kien wieħed mill-kapijiet Maltin. Huwa kien il-kap tal-battaljun ta' Ħaż-Żebbuġ, u kellu l-kontroll tal-kamp tas-Samra u ta' l-inħawi. Għal aktar tagħrif ara Vincent Zammit "Żebbuġin fi żmien il-Franċiżi 1798-1800" fil-programm **Banda San Filep**, Festa 1998.


Il-Ġifen



Guest House

**Lounge Bar & Restaurant**
560 / 561, Main Street,
St. Paul's Bay SPB 02, Malta.
Tel: 573291, 452042.
Mobile: 0949 7004 Fax: 572878
***KOSI Co. LTD***
**Directors:**
**Charles Cassar**